**25 ta' Frar, 1967**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Daniele Farrugia et noe

*versus*

John Polidano

**Danni — Kolliżjoni — Responsabilità — Colpa — Negliġenza — Kontributorjetà — Diliġenza — Grad ta' — Tfal — Minorenni — Missier — Responsabiltà għall-aġir ta'.**

*Il-missier huwa responsabbli għall-aġir tal-minorenni* ***taħt dissa'***

*snin jekk b'riżultat ta' dan iswfri ħsara, u dina tkun dovuta għan-nuqqas tas-sorveljanza tiegħu. Minn isuq karozza għandu jeżercita d-diliġenza ta' "bonus pater familias", u ma jkunx responsabbli għall-inċident jekk dan seta' jiġi evitat biss b'diliġenza straordinarja.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi billi fis-26 ta' Awissu, 1965 il-konvenut waqt li kien qed isuq Truck No. 4863 f'Birżebbuġa laqat lil Emma Farrugia bint l-attur u martu, u oħt l-imsemmija minuri l-atturi ta' ħames snin ċirka li b'konsegwenza mietet; billi dan l-investiment sar minħabba nuqqas ta' għaqal mperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut; billi l-atturi proprio et nomine sofrew danni minħabba l-mewt tal-imsemmija Emma Farrugia, skond il-liġi (Art. 1088-89 tal-Kodiċi Ċivili) premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talbu illi (1) jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti li huwa kien responsabbli għall-mewt ta' Emma Farrugia, l-awtriċi tagħhom, minħabba nuqqas ta' għaqal, imperizja u nonosservanza ta' regolamenti da parte tiegħu, fl-inċident fuq imsemmi, fil-każ ta' bżonn per opera ta' periti nominandi (2) dina l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-atturi proprio et nomine a termini tal-artikoli 1088, 1089 tal-Kodiċi Ċivili bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident (3) dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi proprio et nomine dika s-somma li tiġi hekk likwidata kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi; Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru, 1963 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi hu ma kien bl-ebda mod responsabbli għad-disgrazzja in kwistjoni li kienet dovuta unikament għan-negliġenza u t-traskuraġni tal-mejta;

Rat *id-dikjarazzjoni* *tal-konvenut* u *n-nota* *tax-xhieda* tiegħu;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, minnu maħlufa fit-23 ta' *April*, 1966;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti.

*Eżaminat l-atti kollha tal-kawża.*

Semgħet l-Avukati;

*Ikkunsidrat;*

Li mir-relazzjoni peritali l-Qorti ħadet l-impressjoni li l-attur Daniele Farrugia seta' kellu tort f'dana l-inċident iżda l-perit legali ħass li kien ikun aktar prattiku li dina r-responsabilità tiġi trattata direttament fil-konfront tal-attur Daniele Farrugia, f'ismu proprju u mhux bħala eredi tal-mejta bintu, Emma Farrugia, u in vista ta' dina l-konsiderazzjoni, wasal għal konklużjoni li f'dina l-kawża għandu jiġi ritenut unikament ħati ta' dana l-inċident il-konvenut fil-konfront tal-atturi, fil-kwalità premessa, salva ir-riserva tar-regress tal-konvenut kontra l-attur Daniele Farrugia.

Li, dina l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-perit legali:—

1) għaliex jekk il-konvenut mhux responsabbli jew parzjalment responsabbli, għandu jiġi eżaminat u deċiż f'dana l-proċess, li għandu bħala oġġett indivisibbli l-kawża tal-mewt tal-minuri Emma Farrugia;

2) għaliex l-istess missier qiegħed jieħu parti fil-kawża, u mhuwiex konċepibbli li bħala eredi jsir kreditur tal-konvenut

għad-danni u personalment ma jkunx kreditur imħabba il-ħtija tiegħu f'dana l-inċident;

3) għaliex l-eredi jkompli l-personalità tad-decujus, u biex jidher f'kawża m'hemmx bżonn li tissemma dina l-kwalità: (App. Debattista-Farrugia deċiż fit-13 ta' Frar, 1959).

4) għaliex il-*kwistjoni tar-responsabilità* tal-konvenut qegħda tiġi trattata f'dina l-kawża mal-leġittimi kontradditturi, anki għar-rigward tar-risarċiment tad-danni.

5) għaliex il-*persuna tal-attur ma tistax tiġi trattata taħt* żewġ aspetti separati bħala eredi u bħala missier, u b'hekk tinħoloq l-inkongruenza li bħala eredi l-attur jitħallas tad-danni, u bħala missier jirrispondi għalihom.

Ikkunsidrat;

Li, in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li, — a parti dak li sostna l-perit dwar ir-responsabilità tal-konvenut, — għandha *teżamina* u tirrisolvi l-kwesiti; (1) Jekk l-attur Daniele Farrugia għandux ikun *tenut responsabbli* ta' dana l-inċident in konsiderazzjoni ta' dak li jippreskrivi l-art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili; (2) li, a parti dina r-responsabbilità tal-attur, jekk il-konvenut jistax ikun responsabbli imħabba xi negliġenza imputabbli lilu, li kienet il-kawża esklusiva jew kontributorja tal-mewt tat-tifla Emma Farrugia.

Ikkunsidrat;

Li, dwar l-*ewwel kwistjoni* l-Qorti tinsab diretta minn dana l-prinċipju ġenerali f'materja ta' responsabbilità tal-missier a rigward ta' wliedu minuri; "Si può dare come norma che il padre, in quanto esercita la patria potestà, è chiamato per colpa presunta "*in vigilando*" a rispondere dei fatti illeciti

che il figlio minore abbia posto in essere". (Chironi; "La colpa extra contrattuale", Vol. 11, paġ. 80).

Li dan il-konċett assolut tar-responsabilità tal-missier jinsab riprodott fl-ar. 1077 tal-Kodiċi Ċivili; "Kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' miġnun, hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun, meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix".

Li l-art. 1078 jiddistingwi bejn il-minuri ta' taħt l-età ta' disgħa *snin*, u *dawk* li ma jkunux għadhom għalqu l-erbatax-il sena, u *jiddisponi* li jibqa' sħiħ il-jedd ta' min ikun bagħta l-ħsara, għall-azzjoni, meta hemm lok, għaliha kontra dawk *li* huma obbligati *għal dawna* l-ħsarat skond l-artikolu ta' qabel.

Li dina tal-missier *hija* responsabilità prinċipali. Infatti mhux il-preżenza materjali tal-missier li tirrendieh responsabbli, iżda d-direzzjoni u l-kura li għandu skond il-liġi tat-tfal minuri li torbtu f'dana l-kamp; u anki jekk il-missier — li mhux il-każ — iħalli lit-tfal minuri tiegħu taħt il-kura talomm, dina r-responsabilità tiegħu ma tiġix nieqsa, sakemm jibqa' jeżerċita l-"patria potestà" (Kollez. XXXIII, ii, 183, u l-awturi ċitati fiha).

Li, huwa minnu li f'dina l-kawża ma kienx il-minuri li materjalment ikkaġuna xi ħsara lill-konvenut; iżda kien l-istess *minuri*, jew ħtija tiegħu, jew għax ma kienx *sorveljat* minn *missieru, li bil-mewt* tiegħu ġie jew seta' sofra ħsara l-konvenut.

Li hawn il-Chironi josserva: "Questa colpa 'in vigilando' si basa meglio che su un vero fatto, sopra l'omissione da fare quanto si doveva, la sorveglianza. L'esistenza di questo dovere, la cui omissione costituisce la colpa, si rileva benissimo dai

rapporti che debbono intercedere fra le persone chiamate dalla legge come responsabili, e quelle per il cui fatto esse debbono rispondere. La mancanza della sorveglianza da' perciò luogo alla colpa" (op. cit. p. 68).

Li r-responsabbilità stabilita fl-art. 1077 fuq ċitat, hija diversa minn dik attribwita lill-minuri ta' bejn id-disgħa u l-erbatax-il sena, meta jkunu mxew b'dixerniment; għaliex l-ewwel waħda hija responsabilità ċivili ndiretta, li għandha l-fundament tagħha fil-"culpa in vigilando", ta' dawk li għandhom il-kura tal-minorenni, u l-oħra hija responsabilità ċivili diretta li għandha l-fondament tagħha fl-obbligazzjoni għar-risarċiment tad-danni magħmul b'att imputabbli lill-awtur tiegħu (Kollez. XXVI, ii, 92; XXXIII, ii, 212; P.A. "Lorenzo Galea vs. Carmelo Vella et" deċiża fit-23 ta' Ottubru, 1965).

Ikkunsidrat;

Li 'l-hawn ninsabu fir-responsabilità prospettata fl-ewwel ipotesi, billi l-minuri għadha ma kienetx għalqet id-disgħa snin; u għalhekk naraw x'kienet ir-responsabilità ta' missierha meta sar dana l-inċident.

Li dwar din r-responsabilità l-Qorti spigolat mill-proċess dawna l-fatti.

1) Li meta l-konvenut talab lill-attur biex ineħħi l-car tiegħu, it-tfal ħarġu miegħu mid-dar, u qagħdu madwar it-truck.

2) Li l-attur kien jaf li l-konvenut kellu bżonn jimbotta t-truck lura u jingranah fuq ir-rivers;

3) Li l-attur kien jaf li t-tfal kellhom id-drawwa li imorru wara l-karrozza tiegħu ħali jimbuttawha;

4) Li l-attur anqas jaf sewwa jekk it-tfal baqgħux fuq il-bankina;

5) L-attur kien jaf li l-konvenut bir-rivers kellu joħroġ, billi t-triq kienet tispiċċa ġo għalqa.

6) Li l-attur meta ra l-uliedu fuq il-bankina ma qallhom xejn; u anqas ma *qallhom* biex jidħlu ġewwa.

7) Li l-attur, fil-mument li kien wieqaf jistenna, ma ħarisx lura, u anqas ma ġietu kursità u l-anqas ebda ħsieb li jara fejn jew x'kienu qed jagħmlu t-tfal.

8) Li l-preżenza tal-attur fuq il-post, — ftit piedi mnejn ġrat id-disgrazzja — taggrava s-sitwazzjoni tiegħu, billi seta' faċilment jipprevedi u jevita l-inċident kieku ħa ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja biex dana l-fatt ma jiġrix.

Li l-Qrati Ingliżi ippronunċjaw ruħhom dwar dina r-responsabbilità b'dana l-mod; — "In all cases where claims are made on behalf of infants......one must not lose sight of the fact, that before the question of contributory negligence arises at all, the defendant must first be shown to have been negligent" (Per Lord Wright in "Brinholl vs. Young" (1843) A.C. 92); għaliex ġie affermat mill-istess Qrati l-prinċipju li: — "When notwithstanding any initial negligence on the part of the motorist, he is subsequently obliged to act in an emergency created by a child the real negligence may be that of the child" (Farrant vs. Mackowiack" (1954) S. A.S.R. 345 (F.C.); u dana jingħad ukoll in konsiderazzjoni tal-presunzjoni tar-responsabilità tal-missier f'każi simili, kif ribadita mill-istess Qrati; "The absence of proper supervision of a child on a public highway contributes negligence on the part of a parent" ("Beckerson vs. Dougherty" (1953) 2 D.L.R. 498).

Li r-responsabilità tal-attur f'każi bħal dawn, hija stimatizzata minn Lord Denning meta afferma li— "A child of four is an impredictable creature who may quite likely run into the road if given a chance". (v. Bingham's "Motor claims cases, Butterworth's 15th Edit. paġ. 8).

Li mill-fatti fuq esposti, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-attur Daniele Farrugia, għamel ħażin, għaliex ma ssorveljax kif kien xieraq, lill-bintu, meta kien jaf jew seta' jipprevedi li dina kienet esposta għal xi periklu mħabba l-manuvra li kellu jagħmel il-konvenut biex jistartja t-truck. Infatti ġie ritenut li: "Parents are only responsible when they have themselves done something wrong i.e. if they have been guilty of lack of that supervision to be expected of reasonable and prudent parents" (Donaldson vs. Mcniven" (1952) 2 All E.R. 692).

Li anqas ma jista' jingħad li t-truck "per se" kien xi ħaġa li setgħet attirat lil tifla minuri. Dana l-konċett ġie ampjament eluċidat fil-kawża "Rawsthorne vs. Ottley" (1937) 3 All E.R. 902 (Hilbery J.) fejn ġie espressament affermat fil-parti konklużjonali li "a lorry as such is not an allurement to children". Anke taħt dana l-aspett ma jistax jingħad li r-responsabilità tal-attur hija b'xi mod attenwata billi t-tifla Emma ġiet attratta mit-truck, u kienet tkun ugwalment attratta anke kieku l-attur uża s-sorveljanza meħtieġa — għaliex *jibqa' l-fatt li l-għamil* inkomxju ta' minorenni għandu jirrispondi għalih il-missier aktar u aktar meta, bħal, fil-każ preżenti, il-fatt żvolġa ruħu disgrazjatament kważi taħt għajnejh.

Li n-nuqqas ta' sorveljanza tal-attur, mhuwiex fattur suffiċjenti biex waħdu jeskludi r-responsabilità tal-konvenut, li kkaġuna l-mewt ta' bintu. U għalhekk għandu *issa jiġi eża*minat it-tieni kweżit, jekk ċioè l-konvenut huwiex responsabbli ta' dana l-inċident.

Ikkunsidrat;

Li, l-perit ġudizzjarju ikkonkluda li vis-a-vis l-atturi, bħala eredi ta' Emma Farrugia, il-konvenut huwa unikament responsabbli għall-investiment u mewt tagħha; u għalhekk irritjena li għandu jħallas lill-atturi in linja ta' danni s-somma komplessiva ta' £1389.5.0.

Li però, il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa kollha l-provi, u gwidata mill-prinċipju ġa fuq espost, li cioè r-responsabilità tal-attur hija inseparabbli minn dana l-ġudizzju għaliex marbuta mad-disgrazzja ta' min kellu d-dmir jissorvelja, waslet għall-konklużjoni li l-konvenut mhuwiex responsabbli għall-inċident fatali li ġara lill-minuri Emma Farrugia.

Li a diskariku tal-konvenut huwa xieraq li jiġu rilevati dawna ċ-ċirkostanzi; —

1) Li l-konvenut avża lit-tfal tal-attur biex ma joqgħodux wara t-truck.

2) Li qabel ma beda jirriversja t-truck tal-attur kienu fuq il-bankina u qallhom biex ma jiċċaqalqux.

3) Li minn ġol-gabina tat-truck il-konvenut ma setax jara minn kellu wrajh;

4) Li l-konvenut ma telax fuq il-bankina bit-truck; u fil-ħin tal-inċident it-truck kien qiegħed jiċċaqlaq lura bil-mod, kemm kemm jiċċaqlaq.

5) Il-konvenut ripetutament avża lil Mary Anne, oħt il-mejta, biex tieħu ħsieb ħutha, u qabel ma tela' fil-gabina, littfal qalilhom biex joqgħodu hemm fejn kienu, fuq il-bankina.

6) Li l-konvenut ma kienx jaf — almenu ma ġiex pruvat li t-tifla Emma kienet tħobb timbotta taparsi l-karrozza ta' missierha.

Ikkunsidrat;

Li f'materja ta' ħtija aqwiljana l-liġi tirritjeni li ħadd ma huwa responsabbli għan-nuqqas ta' prudenza, ta' deliġenza jew ta' ħsieb fi grad aktar minn ta' "bonus pater familias", iġifieri d-diliġenza tal-"bonus pater familias" għandha tkun dik ta' grad normali u medju ċioè dik ta' bniedem prudenti (art. 1075(1)(2) Kod. Ċiv. Kollez. XXXVIII, i, 180).

Li, il-liġi tagħna taqbel mal-prinċipji affermati mill-awturi ingliżi dwar il-kriterju ta' dina r-responsabilità, u jsostnu: "that care is a matter of degree, and therefore it has set a standard which is neither too high nor too low. It seeks, safety without at the same time unduly hampering transport and transit. It does not require the highest degree of care of which mankind is capable...to do otherwise it would "unreasonably restrict the beneficial activities of mankind for the sake of avoiding a remote and unlikely evil". (Mazengarb's "Negligence on the Highway"; Butterworths, Edi., 1962 page 101; u Salmond; "Laws of Torts", 13th Edit. (Heuston) pp. 429-31).

Li, kif svolġew ruħhom iċ-ċirkostanzi li taw lok għal dina d-*disgrazzja*, *fil-fehma tal-Qorti* l-konvenut kien ġustifikat *li* ma jieħux prekawzjonijiet akbar milli ħa, għaliex f'dana l-każ "the possibility of danger emerging was only a mere possibility which would never occur to the mind of a reasonable man". ("*Bolton vs. Stone*" (1951) i. All. E.R. 1078).

Li *mbagħad* il-konċett ta' "reasonable foresight", għalkemm *jista'* jkun ġenerikament il-kriterju tan-negliġenza;

huwa ta' spiss, fluwidu fl-applikazzjoni tiegħu, u: "it has to be fitted to the fact of the partikular case"..(Lord Wright in "Bromhill vs. Young" (1943) A.C. 92 at p. 107), għaliex kif josserva Lord Uthwatt: "a driver is not bound to foresee every extremity of folly which occurs on the road". (London Passengers Transport Board vs. Upson", (1949) A.C. 155).

Li, għalhekk, fil-fattispeċje, il-Qorti kellha tfittex ir-responsabilità tal-konvenut mill-fatti kif irriżultaw, u waslet għall-konklużjoni premessa, għalkemm żammet quddiemha ċ-ċirkostanza anki li "a vehicle stationery in a street may also be attractive to children", iżda sabet li l-konvenut "before moving off exercised reasonable care to avoid injury to the child" ("Carney vs. Smith" (1953) S.C.J. 19);

Li, inoltri, il-prekawzjonijiet li ħa l-konvenut kienu speċifiċi, diretti u raġjonevoli, u kienu jikkonsistu filli avża mhux biss it-tifla infortunata, iżda anki lill-oħtha, biex ma jinżlux il-bankina għax kien sejjer jirriversja t-truck.

Li hawn huwa xieraq li l-Qorti tagħlaq dina l-prepożizzjoni, bil-kliem ta' Ternell: "Where the defendant has taken all reasonable precautions to protect a child from the dangers of following his normal inclinations, this may show that the defendant was not negligent" ("Law of running down cases" (3rd Edit.) page 52).

Li la darba l-Qorti eżonerat il-konvenut minn kwalunkwe responsabilità dwar dana l-inċidenti, mhuwiex il-każ li tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni.

Ikkunsidrat;

Li l-Qorti tifhem li t-telfa li sofrew l-attur u martu hija insostenibbli, u li tifla Emma Farrugia kienet vittma tal-ines-

perjenza u ta' esuberanza infantili, li huma l-ornament u l-periklu tal-istess tenera età.

Li, però, meta dawna l-kwalitajiet personali ta' tifla, kważi tarbija, jiġu afdati wisq lilhom infushom, quddiem il-perikoli dejjem krescenti tat-triq, isiru kawża prossima ta' disgrazzji, li mhux dejjem ikun ħtija tagħhom min ikkaġjonahom.

Li, f'kwalunkwe każ, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss li l-kap tal-ispejjeż jimmerita temperament favur l-atturi, speċjalment favur il-mara tal-attur u wliedu.

Għal dawna l-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad *it-talbiet* tal-atturi, iżda l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mingħajr taxxa bejn l-attur Daniele Farrugia u l-konvenut, iżda d-dritt tar-reġistru jibqa' a kariku tal-istess attur.